**GHAWDEX**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 30 ta' Novembru 2018**

**Rikors Numru 1/2018**

**Harry Braithwaite**

**Vs**

**L-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**
**U**
**Lands Transport Directorate fi hdan l-istess Awtorita`**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikorsipprezentat minn **Harry Braithwaite** fit-18 ta' Jannar 2018 fejn gie premess is-segwenti:-

"

1. *Illi l-esponenti huwa propjetarju ta' vettura Porsche 911, Carrera 2 Cabriolet, li giet irregistrata ghall-ewwel darba fil-11 ta' Awwissu 1995 u ghandha kilometragg ta' madwar 88,000 mil (141,000 kilometru). Din il-vettura ghandha n-numru tar-registrazzjoni Ingliz N757 JGA ;*
2. *Illi huwa xtaq jimporta din il-vettura f' Malta, u beda l-passi necessarji sabiex din il-vettura tigi rregistrata f' Malta billi jhallas it-taxxa tar-registrazzjoni u VAT skont il-ligi ;*
3. *Illi r-risposta ghal din it-talba tieghu kienet fis-sens li l-ammont dovut kien ta' disgha u tletin elf mitejn u erbgha u tletin euro u sebgha u sittin centezmu (€39,234.67c) skont email li huwa rcieva fit-23 ta' Novembru 2017;*
4. *Illi l-esponenti hass ruhu xxukkjat b' din it-talba, peress li fil-fehma tieghu, il-vettura tieghu kien fiha valur ta' appena elfejn u tliet mitt euro (€ 2,300) ;*
5. *Illi meta fuq parir tal-avukat tieghu, l-esponenti dahal fis-sistema elettronika tal-Awtorita intimate sabiex jivverifika kemm kien l-ammont dovut minnu bhala taxxa tar-registrazzjoni, irrizultalu li din is-sistema ma kienetx tinkludi*

*parametri ghal vettura registrata fl-1995 ; peress li l-iktar li kienet tmur lura din is-sistema kien Awwissu 1997 ;*

6. *Madanakollu huwa kkalkola kemm kien ikun dovut bhala taxxa tar-registrazzjoni ghal vettura identika li jkollha s-sena tal-ewwel registrazzjoni tvarja mill-1997 sa Frar 2006 ; u ghal dan id-disa` (9) snin inghata figure li jvarjaw bejn € 13,502 (tlettax-il elf mija u zewg euro) u € 17,371 (sbatax-il elf tliet mija u wiehed u sebghin euro) bl-ewwel figura tkun ghall-vettura l-iktar qadima ;*
7. *Illi minn dawn il-kalkoli jirrizulta li iktar ma vettura tkun qadima, iktar ikun baxx il-valur taghha u kwindi anki t-taxxa tar-registrazzjoni dovuta ;*
8. *Illi l-esponenti dahal ukoll fuq website ta' "webuyanycar.com" sabiex jivverika l-valur tal-vettura tieghu u rrizulta li l-vettura tieghu u rrizulta li l-vettura tieghu kellha valur ta' sebat elef, seba` mija u sittin lira sterlina (GBP 7,760) – ekwivalenti ghal madwar tmint elef u sitt mitt euro (€ 8,600) jew inqas ;*
9. *Illi l-esponenti inkariga wkoll surveyor sabiex jidderigilu stima tal-vettura fis-suq f' Malta u dan wasal ghal figura ta' hdax-il elf euro (€ 11,000) ;*
10. *Illi abbazi ta' dan kollu, l-esponenti akkwista wkoll stima ohra tat-taxxa tar-registrazzjoni dovuta li tindika li l-ammont tat-taxxa kien mistenni li jkun madwar hdax-il elf hames mija u erbatax il-euro (€ 11,514) ;*

*Ghaldaqstant hija titlob bir-rispett li dan it-Tribunal jghogbu :*

1. *Jiddikjara illi l-ammont mitlub minghandu bhala taxxa tar-registrazzjoni sabiex il-vettura Porsche 911, Carrera 2 Cabriolet, li giet irregistrata ghall-ewwel darba fil-11 ta' Awwissu 1995 u ghandha kilometragg ta' madwar 88,000 mil (141,000 kilometru), li ghandha n-numru tar-registrazzjoni Ingliz N757 JGA skond l-email taqt-23 ta' Novembru 2017 fl-ammont ta' disgha u tletin elf, mitejn u erbgha u tletin euro u sebgha u sittin centezmu (€ 39,234.67) huwa wiehed skorett, ingustifikat u llegali ;*
2. *Jillikwida l-ammont ta' taxxa tar-registrazzjoni korrettament dovut ghar-registrazzjonji ta' din il-vettura billi tiddikjara li dan l-ammont ghandu jkun ta' hdax-il elf, hames mija u erbatax-il euro (€ 11,514) jew ammont verjuri ;*
3. *Jordna lill-intimati sabiex jirregistraw din il-vettura f' Malta kontra l-hlas tat-taxxa tar-registrazzjoni fl-ammont hekk likwidat."*

Ra r-risposta ta' **l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta u l-Land Transport Directorate**ipprezentata fl-1 ta' Frar 2018 li permezz taghha eccepew is-segwenti:-

*"*

1. *Prelimarjament l-intimata Land Transport Directorate fi hdan l-Awtorita ghat-Trasport f' Malta m' ghandha ebda personalita guridika separata u distinta minn dik tal-Awtorita ghat-Trasport f' Malta illi taghha hija wahda minn diversi direttorati, u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.*
2. *Preliminarjament ukoll, essendo li r-rikorrenti qieghed jappella mid-decizjoni moghtija lill-Awtorita` rispodenti fit-23 ta' Novembru 2017 li permezz taghha huwa gie mgharraf illi t-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vettura li huwa ried jimporta f' Malta kienet tammonta ghal € 39,234.67 u r-rikors promotur gie pprezentat fit-18 ta' Jannar, 2018, qed jigi eccepit illi l-appell gie prezentat fuori termine u dan a tenur tal-artikolu 40 tal-Kap. 499 tal-Ligijiet ta' Malta u*

*ghaldaqstant irritu, null u bla ebda effett fil-ligi u ghalhekk dan l-Onorabbli Tribunal m'ghandux jiehu konjizzjoni tal-istess.*

3. *Preliminarjament ukoll in-nullita u l-irritwalita tar-rikors promotur stante illi mhuwiex rikors ta' appell minn decizjoni tal-Awtorita rispondenti. Dan qed jigi eccepit mhux tant ghaliex fid-dicitura tar-rikors promotur ma jinghadx illi huwa "Rikors tal-Appell", ghaliex tali nuqqas huwa wiehed sanabbli kif sehh f' diversi kazijiet ohra quddiem dan l-Onorabbli Tribunal fejn tqajmet din l-eccezzjoni, izda ghaliex mill-istess talbiet kif dedotti jirrizulta bic-car illi r-rikorrent mhux qieghed semplicement jappella mid-decizjoni mghotija mill-Awtorita rispondenti izda qed imur ferm oltre minn hekk u qed jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jaghmel affarijiet u jaghti ordnijiet illi jmorru ferm oltre il-parametri tal-poter u l-funzjonijiet tieghu kif cirkoskritti bl-artikolu 40 tal-Kap. 499 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan ghaliex a tenur tal-imsemmi artikolu 40 tal-Kap. 499 tal-Ligijiet ta' Malta dan l-Onorabbli Tribunal huwa vestit bil-kompetenza li jisma u jiddeciedi appelli minn persuni aggravati b' decizjonijiet tal-Awtorita rispondenti skond il-paragrafi (a) u (b) tas-sub-artikolu 1 tal-artikolu 40 pero certament li mhuwiex vestit bil-poter illi jkun Hu li jiddetermina kemm ghandha tkun it-taxxa ta' registrazzjoni pagabbli fuq vettura jew li jordna lill-Awtorita rispondenti biex tirregistra vettura versu l-hlas ta' somma in linea ta' taxxa ta' registrazzjoni kif ikun jidirlu r-rikorrent. Ghal dawn il-motivi wkoll ir-rikors promotur huwa wiehed irritu, null u bla effett fil-ligi.*
4. *Illi, sussidjarjament u assolutament minghajr pregudizzju ghas-suespost, u fil-mertu, id-decizjoni moghtija mill-Awtorita rispondenti fit-23 ta' Novembru 2017 hija wahda gusta u skond il-ligi u kwindi timmerita li tigi konfermata u dan kif se jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza fejn anke se jirrizulta illi l-valur tal-vettura in kwistjoni huwa fermi l-boghod mill-mizeri € 2,300 li qed jikkontendi r-rikorrent izda ghall-kuntrarju huwa konsoni mal-valur assejnat mill-Awtorita fil-kalkolazzjoni tat-taxxa ta' registrazzjoni.*
5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri talvolta permissibbli skond il-ligi."*

Ra illi t-tieni eccezzjoni tal-intimata hija ta' natura preliminari u ghalhekk gie ordnat li din tigi trattata u deciza preliminarjament;

Ra l-atti kollha;

Sema' t-trattazzjoni dwar l-eccezzjoni tal-intimati dwar it-tardivita` ta' dan l-appell;

Ra li l-appell thalla ghal-lum ghal sentenza dwar l-istess eccezzjoni;

**Ikkunsidra:**

Ir-rikorrent hassu aggravat b'risposta tal-Awtorita` intimata tramite *e-mail* datata 23 ta' Novembru 2017 li nfurmatu li l-ammont ta' taxxa ta' registrazzjoni u VAT dovut sabiex huwa jkun jista' jirregistra l-vettura

tieghu tal-ghamla Porsche 911, Carrera 2 Cabriolet hawn Malta kien fl-ammont ta' disgha u tletin elf, mitejn erbgha u tletin ewro u sebgha u sittin centezmu.

Illi l-intimati eccepew illi dan l-appell gie pprezentat *fuori termine siccome*` r-rikorrent qieghed jappella minn decizjoni datata 23 ta' Novembru 2017 filwaqt li l-appell gie pprezentat fit-18 ta' Jannar 2018.

Illi fit-trattazzjoni orali, d-difensur tar-rikorrent sahaq illi l-komunikazzjoni tat-23 ta' Novembru 2017 ma kinitx wahda finali tant li r-rikorrent kompla jikkorrispondi ma' ufficjali tal-Awtorita` intimata wara dik id-data u ghalhekk it-terminu ta' ghoxrin gurnata tal-appell ma bediex ghaddej minn dakinhar. Izjed minn hekk sahaq li decizjoni tal-Awtorita` intimata trid tkun wahda iktar formali minn semplicement e-mail ghaliex jista' jaghti l-kaz li wiehed ma jarax l-e-mail dakinhar li tintbaghat u li ghalhekk ikun ta' pregudizzju kbir ghalih jekk jibda jiddekorri xi terminu ta' appell.

Min-naha l-ohra d-difensur tal-intimati irribatta illi t-terminu tal-appell beda proprjament ghaddej mit-23 ta' Novembru 2017, u cioe`, mid-data tal-e-mail li permezz taghha gie komunikat lir-rikorrent l-ammont ta' taxxa li kellu jhallas. Sahaq ukoll illi kien l-istess rikorrent li ghazel li jorbot l-appell tieghu mad-data tat-23 ta' Novembru 2017.

Illi t-Tribunal fela sewwa d-dokumenti pprezentati mir-rikorrenti mar-rikors promutur. Jirrizulta illi fit-23 ta' Novembru 2017 huwa rcieva e-mail minghand certu Josef Schembri, ufficjal tal-Awtorita` intimata, fejn fiha indikalu l-ammont ta' taxxa dovuta. Ftit tal-hin wara, ir-rikorrent baghat *e-mail* lil Josef Schembri fejn staqsih hemmx xi mod kif jappella mill-valutazzjoni li nghatat lill-vettura in kwistjoni stante li fl-opinjoni tieghu kienet tiswa biss elfejn sterlina (£2000) mentri l-valutazzjoni li tat l-Awtorita` intimata lill-istess vettura kien ta' tmienja u ghoxrin elf, mija u sitta u sittin ewro (€28,166).

Jirrizulta illi fl-istess gurnata intbaghet *e-mail* ohra lir-rikorrent da parti ta' Josef Schembri fejn staqsih jekk il-vettura in kwisjtoni kellhiex xi numru ta' registrazzjoni iehor. Ghal din l-*e-mail* ma giet ipprezentata l-ebda risposta.

**Ikkunsidra:**

Illi t-Tribunal jirrileva illi ghalkemm ir-rikorrent, tramite d-difensur tieghu, jishaq illi d-data tad-decizjoni ma kinitx dik tat-23 ta' Novembru 2017 ma giet indikata l-ebda data ohra meta ttiehdet xi decizjoni ohra li allura

minnha kellu jiskatta t-terminu ta' wiehed u ghoxrin gurnata ghall-appell. Illi anke jekk ghall-grazzja tal-argument kienu ghaddejin xi diskussjonijiet, il-fatt li kien hemm decizjoni ma jfissirx li l-effetti taghha gew b'xi mod sospizi ghal dak li ghandu x'jaqsam terminu biex wiehed jappella. Infatti r-rikorrenti mill-ewwel staqsa lill-ufficjal tal-~Awtorita` intimata kif jista' jappella mid-decizjoni.

Illi t-Tribunal jaghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Carmel Mercieca vs Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud**[1] fejn ir-rikorrent f'dik il-kawza pprova jiggustifika t-tardivita` ta' l-appell tieghu minn stimi mahruga kontrih mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud minhabba mard gravi. Il-Qorti ta' l-Appell ma laqghetx din l-iskuzanti u osservat "*illi t-termini, legalment imposti jew kontrattwalment akkordati, huma dejjem, u f'kollox, ta' massima importanza. Mill-punto di vista ta' l-ordinament procedurali taghna t-termini "huma jew gudizzjarji, li billi huma imposti mill-ligi jissejhu wkoll legali jew gudizzjali, li huma dawk it-termini li timponi l-Qorti" (Joseph Tabone nomine v. John Mousu proprio et nomine" Appell Kummercjali, 6 ta' Lulju 1993). It-termini gudizzjarji, li jikkoncernaw a propozitu il-kaz taht ezami, huma, imbaghad, klassifikati bhala perentorji jew ordinatorji. Il-Ligi taghna donnha tohloq presunzjoni tal-karattru ordinatorju ta' dawn it-termini legali. Dan kif desumibbli minn ezami ta' certi disposizzjonijiet generali tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, senjatament l-Artikolu 106 tieghu. Naturalment anke jekk ma jkunx jinghad expressis li certu terminu hu wiehed perentorju dan il-karattru jista' jitnissel aliunde anke mill-effetti li jipproduci d-dekors tat-terminu dipendenti, s'intendi, mis-sanzjoni espressa fin-norma li tkun. Ara, ad ezempju, Artikolu 963 tal-Kapitolu 12. Anke jekk b'riflessjoni ghall-elementi ta' l-azzjoni ta' spoll, titqies valida l-enuncjazzjoni li ghamlet il-Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni riportata a Vol. XXIV pI p276: Secondo I principii di diritto quando la legge stabilisce un termine entro cui un atto si deve compiere, quel termine anziche di prescrizione è termine di decadenza nel senso che decorso quell termine quell'atto non sarebbe più ammissibile.* ***Ghandu jinghad ukoll illi terminu legali perentorju ma jistghax jiggedded jew, b'xi mod sanata n-nuqqas ta' l-osservanza tieghu. Hu inerenti ghan-natura stess ta' terminu bhal dan l-inderogabilità tieghu w allura dan ma jistax jircievi sanatorja jew rimessjoni fit-terminu tkun xi tkun ir-raguni. Fi kliem iehor it-terminu perentorju ma jistghax jigi prorogat, lanqas bi ftehim bejn il-partijiet***[2]*. Dik il-proroga hi possibbli biss ope legis bhal fil-kaz fejn l-ahhar jum ghall-prezentata ta' att ikun jum tas-Sibt jew tal-Hadd jew jum ta' festa. Ara "Dimech Enterprises Ltd. v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" Appell, 23 ta'Gunju 2004. Jekk wiehed joqghod ghal dak li nghad s'issa ftit hemm dubju illi, minn kif koncepit l-artikolu rilevanti [Reg. 4(1)(d) tas-Sitt Skeda ta' l-Att XII ta' l-1994] – fil-kaz in ezami r-Regola 4(1)(d) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal- Ligijiet ta' Malta – it-terminu fih prefiss ghall-appell kontra stimi hu wiehed perentorju, u konsegwentement fatali, tant li l-kliem introduttivi tad-disposizzjoni jaffermaw illi jekk ma jkunx hemm l-osservanza tieghu, l-appell "ma jkunx validu". Ara, fost ohrajn, in tema sentenzi ta' din il-Qorti, kif presjeduta, in re: "Martin Briffa v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur*

[1] Qorti ta' l-Appell (Inferjuri) deciza fil-25 ta' Jannar 2006
[2] Enfasi ta' dan it-Tribunal

*Mizjud" 24 ta' Novembru 2003 u "Blevins Franks International Ltd. v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" 4 ta' Mejju 2005. Anke kieku stess però dak it-termini ta' tletin jum mid-data tan-notifika ta' l-avviz li kontrih isir l-appell, kellu jitqies terminu legali ordinatorju li, skond l-Artikolu 106, Kapitolu 12, jippermetti t-tigdid tieghu ghal raguni tajba, ma jirrizultax lanqas imbaghad, f'dan il-kaz illi talba bhal din saret "fiz-zmien li tieghu jintalab it-tigdid" ossija qabel l-iskadenza tat-terminu utili stabbilit ghall-appell (Kollez. Vol. XXXIII pI p321). Lanqas permezz ta' talba ad hoc fi procedura appozita ghar-restituzzjoni in integrum. Procedura din li jrid jinghad kienet permissibbli fi zminijiet imghoddija. Ara Kollez. Vol. XXIX pI p276 u Kollez. Vol. XXXIV pI p348….anke kieku l-Qorti kellha toqghod fuq il-portata tac-certifikat mediku datat 29 ta' Ottubru 1998 (u mhux ukoll dak datat 19 ta' Mejju 2003 prezentat wara s-sentenza tal-Bord), li baqa' mhux konfermat, l-istess ikollu jinghad li din il-Qorti mhix konvinta li tista' tirrikonoxxi fih sitwazzjoni ta''raguni tajba", certa w objettiva li kienet talment timpedixxi lill-appellat mill-osservanza tat-terminu f'dak il-mument u ghal dik ir-raguni.* ***Opportunatament ghandu jigi mfakkar illi t-termini procedurali ma jistghu qatt jithallew fid-diskrezzjoni ta' xi wahda mill-partijiet jew, li hu aghar, jigu injorati minn min hu msejjah biex jiggudika.***[3] *Anke jekk mhux espressament riferibbli ghall-fattispeci tal-kaz de quo, il-Qorti taghmel taghha l-osservazzjoni maghmula mill-Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni "Kummissarju tat-Taxx fuq il-Valur Mizjud v. George Schembri" 6 ta' Ottubru 2000, u cjoe, li "l-Qrati (u dan jghodd ukoll ghat-tribunali ta' kull speci) huma obbligati li japplikaw u jinterpretaw il-ligijiet tal-pajjiz kif promulgati mill-Parlament u ma ghandhom ebda diskrezzjoni la li jinjorawhom, la li jadottawhom b'mod approssimattiv skond kif jidhrilhom li jkun gust u ekwu fic-cirkostanzi, u wisq anqas li jissanzjonaw proceduri li l-ligijiet tal-pajjiz ma jippermettux li jigu improvvizati, f'dawk ic-cirkustanzi, bil-konsegwenza li jigu newtralizzati w emaskolati proceduri ohra espressament provvduti bil-ligi".*

Illi issa f'dan il-kaz, ir-rikorrent mhux qed jipprova jiggustifika tardivita`, pero` qieghed jissottometti li t-terminu beda ghaddej minn xi data li fiha hass li mhu se jasal imkien mal-Awtorita` intimata u dan ghaliex fil-frattemp kienu qeghdin jigu skambjati xi *e-mails* bil-ghan li tinstab soluzzjoni bonarja. Illi kif intqal fid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Kenneth Abela vs Aplan Limited u R.V. Electronics** deciza fis-6 ta' Frar 2008 *"Ma jista' qatt ikun disputat illi t-termini ghal kompiment ta' atti processwali huma dawk stabbiliti mil-ligi. F'dan il-kaz il-ligi trid li t-terminu specifikat ghall-proponiment ta' l-appell minn sentenzi tat-Tribunal tal-Konsumaturi jiddekorri mid-data tas-sentenza. Trattandosi ta' norma legali, l-osservanza tat-terminu fiha prefiss kellu jigi mhares ad unguem, in raguni ta' l-element dekadenzjali insit. Dan anke ghaliex kif sewwa jinsab ritenut "l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f' ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula" ("***Giuseppi Caruana -vs- Charles Psaila***", Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 21 ta' Marzu 1997);*

*Jikkonsegwi mill-espressjoni ta' fehma fis-silta mis-sentenza appena citata illi t-terminu procedurali la jista' jigi sanat b' xi adezjoni tal-kontro-parti fil-proceduri u lanqas*

[3] Enfasi ta' dan it-Tribunal

*prorogat; sospiz jew interrott. Kif gie minn din il-Qorti sa recentement hafna osservat, "in-natura inderogabbli tat-termini processwali ggib b'konsegwenza illi dwarhom ma jistghux jigu applikati provvediment sanatorji jew ta' rimessjoni ankorke d-dekors inutli taghhom ma jkunu imputabbli lill-parti interessata. Dan ghal motiv illi dik l-improrogabilita hi hekk necessarja ghal raguni ta' certezza u, wkoll, ta' uniformita". ("Salina Wharf Marketing Limited -vs- Malta Tourism Authority", Appell mill-Bord ta' l-Appelli dwar it-Turizmu, 12 ta' Dicembru 2007)"*

Illi dan it-Tribunal jaghmel tieghu ir-ragunament appena citat u ghalhekk, kif intqal iktar 'il fuq, jirrileva illi terminu ta' appell ma jistghax jigi prorogat, lanqas bi ftehim bejn il-partijiet. Kieku dan it-Tribunal kellu jikkoncedi l-argumenti mressaq mir-rikorrenti, allura kull min ihossu aggravat b'decizjoni amministrattiva jista' jibda jikteb l-ittri jew jibghat *e-mails* lill-istess Awtorita` biex terga' tikkonsidra d-decizjoni taghha bir-rizultat illi t-terminu ta' appell ikun wiehed indefinit, ghaliex wara li l-Awtorita` tiktiblu lura jista' jerga' jirrispondiha u jistghu jibqghu sejrin hekk *ad infinitum*. Certament din ma kinitx l-intenzjoni tal-Legislatur li meta impona t-terminu ta' appell ried li jistabilixxi dik c-certezza li kull terminu jgib mieghu. Illi ghalkemm dan it-Tribunal ma jsib xejn hazin illi min ihossu aggravat jidhol fi skambji ta' ittri mal-Awtorita` koncernata bil-ghan forsi li tinstab xi soluzzjoni bonarja, min-naha l-ohra ma jistghux jigu injorati termini legali li jekk ma jigux osservati jkunu fatali f'kaz li d-diskussjonijiet li jsiru ma jwasslux ghal soluzzjoni bonarja. Ghaldaqstant, it-Tribunal huwa tal-opinjoni illi r-rikorrent ipprezenta l-appell tieghu tardivament.

Fl-ahharnett it-Tribunal ma jistghax ma jirrilevax il-fatt illi decizjoni ta' awtorita` pubblika m'ghandhiex tkun komunikata semplicement b'*e-mail* izda ghandha tintbaghat b'posta registrata biex b'hekk ikun hemm dik ic-certezza meta c-cittadin ikun ircieva dik id-decizjoni. Ghandu wkoll ikun hemm fiha informazzjoni bizzejjed biex wiehed ikun infurmat dwar il-mod kif ghandu jappella minn tali decizjoni jekk ihossu aggravat. Din hija prattika amministrattiva tajba anke jekk mhux wahda legalment tassattiva. It-Tribunal huwa konxju illi l-Awtorita` intimata diga taghmel dan f'numru ta' kazijiet li jitratta dan it-Tribunal u ghalhekk jispera li din il-prattika tajba tkun wahda generali ghad-decizjonijiet kollha li jistghu jigu appellati quddiem dan it-Tribunal.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija qieghed jiddeciedi billi jilqa' t-tieni eccezzjoni tal-intimati u jiddikkjara li l-appell gie intavolat *fuori termine* u konsegwentement huwa irritu u null, u bla

effett fil-ligi u ghaldaqstant tillibera lill-intimati mill-osservanza tal-gudizzju.

Bl-ispejjez a karigu tar-rikorrent.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Silvana Grech**
**Deputat Registratur**